

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-23 ta' Settembru 2020 –
PJ vs Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio dei monopoli per la Toscana, Ministero
dell'Economia e delle Finanze**

(Kawża C-452/20)

(2020/C 423/43)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: PJ

Konvenuti: Agenzia delle dogane e dei monopoli – Ufficio dei monopoli per la Toscana, Ministero dell'Economia e delle Finanze

Domanda preliminari

L-Artikolu 25(2) tad-Digriet Irjali Nru 2316 tal-24 ta' Diċembru 1934, kif issostitwit mill-Artikolu 24(3) tad-Digriet Lekgħiż-lattiv Nru 6 tal-2016 (li jittrasponi d-Direttiva 2014/40/UE⁽¹⁾) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE – sa fejn jipprovd li “[k]ull persuna li tbiegħ jew tipprovdi prodotti tat-tabakk, sigaretti elettroniċi jew kontenituri ta’ rikarika li fihom in-nikotina, jew inkella prodotti tat-tabakk ġodda, lil minuri ta’ inqas minn tmintax-il sena huwa suġġett għal multa amministrattiva minn EUR 500 sa EUR 3 000 u għal sospensjoni tal-liċenzja tal-operat tiegħu għal perijodu ta’ ħmistax-il ġurnata” – jikser il-prinċipi ta’ proporzjonalità u ta’ prekawzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5 TUE, fl-Artikolu 23(3) tad-Direttiva 2014/40/UE u fil-premessi 21 u 60 tal-istess direttiva, sa fejn dan jagħti preċedenza lill-prinċipju ta’ prekawzjoni mingħajr ma jirregolah permezz tal-prinċipju ta’ proporzjonalità sal-punt li jissagrifika l-interessi tal-kummerċjanti b'mod sproporzjonat favur il-protezzjoni tas-saħħa u, b'dan il-mod, ma jassigurax l-ibbilanċjar tajjeb li għandu jinstab bejn id-drittijiet fundamentali differenti, billi jimponi, barra minn hekk, sanzjoni li ma ssegħix b'mod effettiv l-għan li titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip tat-tabakk fost iż-żgħażagħ kuntrarjament għal dak li tiprovdi l-premessa 8 tad-Direttiva 2014/40/UE?

(¹) ĠU 2014, L 127, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fit-30 ta' Settembru 2020 – Lombard Pénzügyi és Lízing Zrt. vs PN

(Kawża C-472/20)

(2020/C 423/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Törvényszék

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lombard Pénzügyi és Lízing Zrt.

Konvenut: PN

Domandi preliminari

- 1) Jekk il-klawżola kuntrattwali inǵusta tirreferi għas-suġġett prinċipali tal-kuntratt (l-informazzjoni dwar ir-rata tal-kambju ma kinitx konformi), bil-konseguenza li l-kuntratt ma' jistax jissussiti, u ma jeżistix ftehim bejn il-partijiet, il-fatt li, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni supplimentari tad-dritt nazzjonali, ikun teħid ta' pożizzjoni tal-qorti suprema, li madankollu ma hijex vinkolanti għall-qrat inferiori, li jagħti gwida għad-dikjarazzjoni ta' validità jew ta' effettività tal-kuntratt, jiggarrantixxi l-effettività sħiħa tad-Direttiva 93/13⁽¹⁾?